# GAETANO ETTORE

## MAESTRO DI CAPPELLA FIL-MOSTA (1782-1788) U D-DAQQAQA FIL-PURĊISSJONI TA' ŻMIENU

*Minn Noel D'Anastas*

### L-ewwel ħjiel tal-Festa

Meta d-Delegat Appostoliku Mons. Pietru Dusina żar il-Mosta fl-1575, stqarr li l-knisja ta' l-Assunzjoni ta' Marija kienet wiesgħa u xierqa biżżejjed. Mill-istess rapport jingħata l-ewwel ħjiel ta' kif kienet tiġi ċċelebrata l-festa ta' l-Assunta billi jingħad li r-rettur tagħha, li kien l-istess kappillan tan-Naxxar, ma kellu l-ebda piżijiet, ħlief li f'jum Santa Marija kien obbligat li jqaddes fuq l-altar maġġur ta' din il-knisja.(1)

Meta l-Isqof Tumas Gargallo fired il-Mosta mill-parroċċa tan-Naxxar fis-16 ta' Settembru, 1608, il-festa bdiet tiġi ċċelebrata b'aktar sollennità. Erba' snin wara, fil-Mosta ġiet eretta l-fratellanza tar-Rużarju. Minn snin l-aktar bikrija fit-twaqqif ta' din il-fratellanza kien hemm ħsieb li jkollha statwa tal-Madonna tar-Rużarju, statwa li għalkemm ma nafux min ħadimha u lanqas is-sena ta' meta saret, tixhed ħila artistika ta' l-era Barokka. Din l-istatwa li għadha titgawda sallum kienet l-istess waħda li kienet tintuża fil-purċissjonijiet tal-Madonna tar-Rużarju, taċ-Ċintura, tal-Ward u f'dik tal-festa ta' Santa Marija Assunta qabel ma saret dik preżenti.(2)



*(Ritratt: Jos. A. Vella F.R.P.S., E.FIAP., E.S.FIAP.)*
*L-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju, xogħol fl-injam fl-istil Barokk tas-Seklu Sbatax.*

Matul is-seklu tmintax, il-festa ta' l-Assunta bdiet issir b'mod aktar organizzat. Mir-rapport tal-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Mons. Alpheran de Bussan, li kien għamel fil-parroċċa tal-Mosta fl-aħħar ta' Mejju 1744, ma tissemmiex purċissjoni nhar il-festa ta' Santa Marija. Isemmi li kienu jitkantaw l-ewwel u t-tieni Għasar u ssir quddiesa kantata.(3)

Fit-tieni nofs tas-seklu tmintax, il-festi f'Malta ħadu xejra akbar u n-nefqa biex dawn ikunu ċċelebrati kienet waħda kbira. Il-Mosta, b'aktar minn elfejn ruħ popolazzjoni, iċċelebrat il-festa b'mod l-aktar xieraq u ġieli kien mistieden il-Gran Mastru kif fil-fatt ġara fl-1777, meta l-Gran Mastru De Rohan kien mistieden għal din il-festa.(4)

Il-logħob tan-nar kien daħal ġmielu u s-somma dovuta għalih kienet waħda kbira. Fl-1776 in-nefqa kienet ta' 10 skudi u 6 tari. Dawn kienu jikkonsistu f'*girasoli* (irdieden),

*fontane* (gassijiet) u *razzi d'aria* (bħal bukketti jew stoppini). In-nefqa għaċ-ċelebrazzjoni tal-festa kienet tikkonsisti wkoll fil-mixegħla tal-faċċata tal-knisja, xema' tal-pastilja, weraq biex iżejnu u jfewħu l-knisja u fuq kollox l-attività mużikali.[5]

Il-*Maestri di Cappella* ġeneralment f'dan is-seklu kienu jinġabu mill-Kattidral. Il-ħlas mogħti mill-prokuraturi lill-*Maestri di Cappella* biex dawn ipprovdew il-mużika fil-festa ta' l-Assunta kien wieħed għoli meta mqabbel ma' festi oħra barra l-Mosta.

Kważi f'kull amministrazzjoni, l-akbar somma dovuta mill-prokuratur għaċ-ċelebrazzjoni tal-festa kienet għall-mużika. Wara kienu jiġu n-nar u x-xiri tax-xema'. Fit-tieni nofs tas-seklu tmintax, il-mużika fil-festa ta' Marija Assunta kienet f'idejn il-*Maestri di Cappella* Dun Benigno Zerafa, Francesco Azzopardi, Gaetano Ettore u l-Kan. Giuseppe Debono.[6] Wieħed minn dawn l-imsemmija li ma nafu xejn dwar ħajtu u ħidmietu huwa Gaetano Ettore li għalkemm ma jistax jiġi apprezzat għall-kompożizzjoni tiegħu peress li ma nstab xejn dwar dan, xorta nqis li dan is-surmast mużiċista Kataniż jistħoqqlu apprezzament għall-ħidma b'risq il-mużika sagra lokali.[7]



*Il-knisja fejn ġie mgħammed Gaetano Ettore.*

## Gaetano Ettore - Identità

Gaetano Ettore, iben Francesco u Rosa Marie imwielda Pellegrino, twieled f'Katanja fl-1 ta' Awissu, 1731. Tgħammed fil-knisja ta' San Bjaġju magħrufa bit-titli ta' Sant'Agata Fornatis *(La Carcarella)* minn Dun Giuseppe Leacota.[8] Fi tfulitu, flimkien mal-ġenituri tiegħu, mar Napli biex jistudja l-mużika. Dam hemm madwar erba' snin. Wara t-tluq tiegħu minn Napli mar jgħix f'Ruma għal madwar tliet snin. F'Awissu 1748 telaq minn



NOS

ABBAS S. T. SACRORUMQUE CANONUM PROFESSOR

D. DOMINICUS MAJOLINO

*Prothonotarius Apostolicus, Prior S. Theodori de Lingua Mylatii Beneficialis de Castris, Commissarius Ordinarius Tribunalis SS. Inquisitionis, Archipresbyter Rector, & Parochus Universalis hujus semper Fidelissimæ, Lealisque Mylarum Urbis ejusq; Rurium atq; Districtus &c.*

Fidem reddimus, ac, testamur, ad quem spectat [illegible]

Unde pro veritatis delucidatione, & ad partium requisitionem facta est præsens Fides Nostra subscriptione, & Sigillo, quo utimur [illegible] de munita suis, die, loco, & tempore valitura. [illegible] ylis die 5. Mensis [illegible] 1765

[illegible]

*Is-dispensa maħruġa mid-djoċesi ta' Milazzo*

Ruma u mar jgħix fil-belt ta' Milazzo, fejn baqa' jgħix sa Lulju ta' l-1757. Bejn Lulju u Novembru ta' dik is-sena - ix-xahar li fih Ettore ġie jgħix Malta - għamel żjarat qosra f'Katanja u Siracusa. Il-professjoni ta' Ettore kienet il-mużika.[9]

Minn dak iż-żmien 'il quddiem hu baqa' jgħix Malta bl-istess professjoni. Gaetano Ettore, li kien ukoll *magistrato*, iżżewweġ lil Maria Rosaria Buzzetta, bint Antonio u Anna fl-10 ta' Frar, 1773, żwieġ li seħħ fil-knisja parrokkjali ta' Porto Salvo fil-Belt.[10]

Hu kien joqgħod fi *Strada Principale* qrib il-knisja tal-Karmnu fil-Belt flimkien ma' martu Rosaria, Suor Maria Buzzetta (Bussietta), is-serva Maria Magri, Benedeto u martu Francesca Mamo u binthom Aloysia.[11]

Lil Gaetano Ettore nsibuh idoqq f'bosta funzjonijiet reliġjużi fosthom dik tal-konsagrazzjoni tal-knisja tal-Monasteru ta' Santa Katerina fil-Belt. Din kienet ġiet ikkonsagrata fil-15 ta' Ġunju, 1783. L-orkestra li ħadet sehem f'din il-funzjoni kienet immexxija minn Don Michel'Anġ Vella u kienet tikkonsisti minn għadd ta' mużiċisti, fosthom Emmanuele Galea, Domenico Debono, Don Calcedonio Farrugia, Don Saverio Farrugia u Fra Decelis.[12]

## Maestro Di Cappella fil-Mosta

L-ewwel darba li niltaqgħu ma' Gaetano Ettore jieħu ħsieb il-mużika fil-festa titulari ta' Marija Assunta fil-Mosta kien fl-1782. Fil-fatt, f'dik is-sena kien tħallas mat-33 skud u 6 tari għas-servizz mużikali mogħti fl-ewwel għasar, fil-quddiesa kantata u fil-purċissjoni.[13] Il-ħlas mogħti lil Ettore kien wieħed baxx meta mqabbel mal-ħlas mogħti lil Dun Benigno Zerafa u s-suċċessur tiegħu Francesco Azzopardi biex mexxew il-mużika fil-festa ta' Marija Assunta fis-snin 1778 u 1779 rispettivament. F'dawk is-sentejn, il-prokuratur nefaq 43 skud u 10 tari fis-sena 1778 filwaqt li fis-sena ta' wara l-infiq għaż-żewġ servizzi mużikali kien ta' 47 skud, 7 tari u 11-il gran.[14]

Għall-festa ta' l-1782, l-orgni ta' din il-knisja kien sarlu xi tiswijiet mill-*organaro* magħruf, Mastru Pietro Santucci. Għal dan ix-xogħol, fit-13 ta' Awissu, Santucci tħallas 15-il skud. Fl-istess ġurnata, sar ħlas ta' skud lill-kuċċier talli ġab lil Santucci u ħadu lura. Kienu ntefqu tliet skudi għall-ikel ta' l-istess Santucci u tal-persuna l-oħra li għenitu fit-tiswija ta' dan l-orgni.[15]

Fl-1783, ma jissemma l-ebda isem ta' *Maestro di Cappella*. Għal dik is-sena, in-nefqa għall-quddiesa kantata u għas-servizz mużikali fil-purċissjoni kienet ta' 40 skud u 10 tari.[16] Fil-festa tas-sena ta' wara nerġgħu nsibu l-isem ta' Gaetano Ettore bħala l-*Maestro*



*Awissu 1786: Ħlas ta' 45 skudi lil Gaetano Ettore, Maestro di Cappella, għas-servizz mużikali ta' dik is-sena. - Arkivju Parrokjali, Mosta: Esito Veneranda Lampada (1776 - 1837) f. 99*

*di Cappella* li rċieva ħlas ta' 36 skud u żewġ tari għall-mużika fil-quddiesa kantata, għosrien u purċissjoni.[17]

Fl-1785, Gaetano Ettore tħallas 48 skud għall-istess servizzi mużikali bħal dawk tas-sena ta' qabel.[18] F'dik is-sena, jidher li l-ħlasijiet rigward l-attività mużikali ffurmata mill-*Maestro di Cappella* bdew jogħlew tant li fl-1786, Gaetano Ettore rċieva 45 skud. Dan tikkonfermah l-irċevuta ddatata 15 ta' Awissu 1786 iffirmata mill-istess Ettore. Barra li jissemma bħala *Maestro di Cappella* jissema wkoll bit-titlu ta' *Magistrato.*[19] Fl-1787, il-ħlas dovut lil Ettore kien wieħed baxx imqabbel mas-snin l-oħra. Dan kien ta' 38 skud u 11-il tari. F'dik is-sena, jissemma wkoll ċertu Don Michele *(Basso)*, li tħallas 8 tari għas-servizz tal-kant fil-Matutin.[20]

L-aħħar sena li jissemma Gaetano Ettore bħala *Maestro di Cappella* fil-Mosta kienet dik ta' l-1788, meta tħallas 41 skud u tari għall-quddiesa kantata, *secondi vespri* u għall-mużika waqt il-purċissjoni.[21]

Bejn l-1789 u l-1791 l-isem tal-*Maestro di Cappella* mhux imniżżel fir-reġistru ta' l-*Esito Veneranda Lampade (1776-1837)*. Dan il-manuskritt, jinsab arkivjat fil-knisja parrokkjali tal-Mosta. Fl-1789 u l-1790, il-ħlas lill-*Maestro di Cappella* kien ta' 40 skud u 42 skud u 10 tari rispettivament.[22]

Gaetano Ettore miet fis-17 ta' Marzu, 1790 fl-għomor ta' 58 sena u ġie midfun fil-knisja tal-Karmnu fil-Belt, qrib id-dar fejn kien jgħix.[23]

### Id-Daqqaqa fil-Purċissjoni fi Żmien Ettore

Bla dubju, wieħed mill-akbar interessi li tqajjem il-festa esterna huwa d-daqq waqt il-purċissjoni. Żgur li matul is-seklu tmintax, l-attività mużikali fil-festi esterni kienet daħlet sewwa, b'mod partikulari fit-tieni nofs ta' dak is-seklu. Dan jidher ċar f'bosta purċissjonijiet fosthom dawk ta' Ħaż-Żebbuġ, iż-Żurrieq u tas-Santissimu Sagrament u San Ġużepp fir-Rabat.

Fil-fatt, fil-festa tas-Santissimu Sagrament fir-Rabat id-daqqaqa bdew jinġiebu fi żmien il-prokuratur Mastru Giuseppe Sapiano (1786-88). Dawn tħallsu 4 skudi u 10 tari, l-ewwel ħjiel ta' daqqaqa jew forma ta' xi banda żgħira ('il bogħod minn kif nafuha ffurmata u organizzata l-banda tallum) li kienu jdoqqu f'bosta purċissjonijiet madwar Malta. Dawn id-daqqaqa ma kellhomx x'jaqsmu mal-mużiċisti u kantanti li kienu jkunu diretti mill-*Maestro di Cappella* li kienu wkoll idoqqu fl-attività interna kif ukoll esterna.[24] Id-daqqaqa kienu jkunu dawk tat-tromba, fifra u tnabar u dawn ġeneralment kienu jinġabu mill-Belt. Il-ħlas dovut lilhom kien ikun wieħed separat minn dak mogħti lill-*Maestro di Cappella.*

Fil-festa ta' Marija Assunta fil-Mosta jissemmew ukoll dawn id-daqqaqa. Fis-snin tmenin tas-seklu tmintax ġa konna nsibu dawn id-daqqaqa fil-purċissjoni ta' l-Assunta. Interessanti l-fatt li dawn id-daqqaqa kienu jakkumpanjaw fil-purċissjoni quddiem l-istatwa kif fil-fatt insibu fil-ħlasijiet ta' l-1783 - "*Più alli suonatori nella processione inanzi alla statua della Maddonna.*"[25] L-istatwa msemmija kienet dik tal-Madonna tar-Rużarju li kienet tintuża f'bosta purċissjonijiet kif rajna qabel. Fl-1780, insibu ħlas ta' 4 skudi u 8 tari "*più i due trombi fugatto e tamburo per accompagnar la processione avanti la statua*".[26]

Fis-sena ta' wara, fir-reġistru tal-ħlasijiet *Esito Veneranda Lampade (1776-1837)* il-prokuratur ma jikteb xejn rigward kemm kienu dawn id-daqqaqa. Dawn tħallsu 3 skudi.[27] L-istess jingħad għas-snin 1782 u 1783. Il-ħlas kien ta' 3 skudi u żewġ tari u 3 skudi u 9 tari rispettivament.[28] Fl-1784 ma jissemma xejn rigward id-daqqaqa fil-purċissjoni.

Fil-purċissjoni ta' l-1785, jissemmew erba' daqqaqa ta' stumenti tan-nifs. Dawn akkumpanjaw fil-purċissjoni quddiem l-istatwa u tħallsu 2 skudi u 8 tari.[29] Għall-festa ta' l-1786 insibu żewġ ħlasijiet separati għad-daqqaqa li ħadu sehem fil-purċissjoni.

10 tari ngħataw lid-daqqaqa tat-tnabar u 2 skudi u 4 tari lil erba' daqqaqa ta' l-istrumenti tan-nifs.[30] Fl-1787, insibu ħlas ta' 10 tari lid-daqqaqa tat-tnabar.[31]

Fl-aħħar sena li Gaetano Ettore kien *Maestro di Cappella* fil-Mosta, id-daqqaqa li akkumpanjaw fil-purċissjoni tħallsu skud u 6 tari.[32] Għalkemm fil-kontijiet ta' dik is-sena ma jissemmewx il-kwalità ta' strumenti wieħed jista' jqabbel il-ħlas mogħti fl-1788 ma' dak ta' l-1790. Fl-1790, jissemmew żewġ daqqaqa tat-tnabar u daqqaq tal-fifra li tħallsu skud u 3 tari - "*per due tamburlini e una fifra.*"[33]

L-akbar ħlas mogħti lid-daqqaqa fil-purċissjoni fis-snin tmenin kien fl-1789. Dan kien ta' 15-il skud - "*A suonatori che hanno accompagnato la processione e hanno suonato nel giorno della Assunta.*"[34]

Dawn il-ħlasijiet juru biċ-ċar kemm għandha storja twila l-mużika fil-purċissjoni tal-festa ta' Marija Assunta, festa li l-Mostin tant għandhom għal qalbhom.

## Noti u Riferenzi

1 A.C.M. Misc. Vol. 183 f.20r

2 Borg Joseph, *Il-Festa ta' Santa Marija matul iż-Żminijiet*, (Programm tal-festa maħruġ mis-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard, Mosta fl-okkażjoni tal-15-il Anniversarju mill-Inkurunazzjoni)

3 A.C.M. Misc. Vol. 190 f.141v

4 Borg Joseph - *op. cit.*

5 *ibid.*

6 D'Anastas Noel - *Francesco Azopardi (1748-1809) - Maestro di Cappella fil-Mosta*, (Programm tal-festa maħruġ mill-Banda Filarmonika Nicolò Isouard, Mosta 1995). Ara l-lista tal-*Maestri di Cappella* fil-Mosta ppubblikata fil-programm tal-festa maħruġ mill-Każin tal-Banda Filarmonika Santa Marija, Mosta 1994. Din il-lista hija kkumpilata minn Dun Salv Magro. p.75

7 L-uniku xogħol miktub minnu hija *Alma Redemptoris*. Dan il-manuskritt jinsab fl-arkivju parrokkjali ta' Bormla u ma jġib l-ebda data ta' meta ġie kompost. Mus. Ms.13 (Proj. No. 6011)

8 *C.E.M. Acta Originalia* Vol. 821 (1773) f.92. L-ismijiet mogħtija mill-parrinu Antonio De Amato (Kataniż) kienu Gaetano u Agatino. Il-knisja ta' San Bjaġju, magħrufa wkoll taħt it-titlu ta' Sant'Agata Fornatis - *La Carcarella* - tinsab tiddomina l-pjazza ta' Stesicoro, Katanja.

9 *ibid.* ff.91r-v

10 *Arkivju Parrokkjali* Porto Salvo, Valletta Lib. Matr. Vol. IX (1755-1779) f.223.R

11 *C.E.M. Status Animarum* Vol. 36 (Porto Salvo, Valletta) - 1785 f.6v, 1788 f.6v.

12 Tagħrif mibgħut lili minn Sr M. Aloisia Bajada f'isem il-Madre Badessa tal-Monasteru ta' Santa Katerina fil-Belt fis-7 ta' Frar, 1995.

13 *A.P. Mosta - Esito Veneranda Lampada (1776-1837)* f.62

14 D'Anastas Noel - *Francesco Azopardi (1748-1809) - Maestro di Cappella fil-Mosta* (Programm tal-festa maħruġ mill-Banda Filarmonika Nicolò Isouard, Mosta 1995)

15 *A.P. Mosta, Esito Veneranda Lampada (1776-1837)* f.62

16 *ibid.* f. 74

17 *ibid.* f. 82

18 *ibid.* f. 92

19 *ibid.* f. 99

20 *ibid.* ff. 104, 105

21 *ibid.* f. 110

22 *ibid.* f. 115 (1789), f. 122 (1790)

23 *A.P. Porto Salvo, Valletta Lib. Def. Vol. VII* (1787-1805) f. 40 r.

24 D'Anastas Noel, ***L-Attività Mużikali fil-Festi ta' l-Arċikonfraternità tas-SS. Sagrament fir-Rabat matul is-Seklu 18.*** (Programm tal-festa maħruġ fl-okkażjoni tal-festi ta' Corpus Christi u San Pawl, Rabat 1996, L-ewwel parti.) Dwar iż-Żurrieq ara Anthony Mangion u Karmenu Zerafa, ***Santa Katerina, Il-Festa u s-Soċjetà Mużikali tagħha fiż-Żurrieq (1989).*** Dwar l-attività mużikali f'Ħaż-Żebbuġ, mistenni jkun ippubblikat materjal interessanti minn Dun Salv Caruana.

25 *A.P. Mosta, Esito Veneranda Lampada* (1776-1837) f.74

26 *ibid.* f. 40

27 *ibid.* f. 54

28 *ibid.* f. 62 (1782), f. 74 (1783)

29 *ibid.* f. 92

30 *ibid.* f. 99

31 *ibid.* f. 105

32 *ibid.* f. 110

33 *ibid.* f. 122

34 *ibid.* f. 116

## Ħajr

Kan. Dun Ġwann Azzopardi, Mons. Dun Alwiġ Deguara, Saviour Dimech, Dun Salv Magro, Tony Terribile, Raymond Saliba u Charlie Schembri.

## Errata Corrige

B'riferenza għall-artiklu **Francesco Azopardi (1748-1809), Maestro di Cappella fil-Mosta: Ħajtu u Ħidmietu**, ippubblikat minn Noel D'Anastas fil-programm tal-festa tas-sena l-oħra: irid jingħad f'paġna 91 fit-tielet paragrafu li fiż-żmien li Azopardi kien Napli kien hemm Francesco Di Salvo, Malti ieħor, li kien qiegħed jistudja l-mużika fl-istess belt. Dan kien dam madwar tliet snin. Dan jikkonfermah Francesco Azopardi fix-xhieda tiegħu għal stat liberu ta' Francesco Di Salvo, **"rimasto in Napoli per il corso di tre anni a studiare la musica"**. Bi żvista, din ġiet ippubblikata li Francesco Azopardi dam ftit aktar minn tliet snin jistudja l-mużika f'Napli.